MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 925/1997/1

***MA.RE.SI Shipping Limited***

***Versus***

***Mediterranean Offshore Bunkering Company Limited***

F'din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda titlob il-ħlas ta' danni li ġarrbet talli s-soċjetà konvenuta ikkonsenjatilha żejt ta' kwalità inferjuri. Is-soċjetà konvenuta, b'rikonvenzjoni, qiegħda titlob il-ħlas tal-prezz taż-żejt.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi s-soċjetà attriċi, li hija sidt il-bastiment *Island Seaway*, kienet kisbet mingħand is-soċjetà konvenuta kwantità ta' *fuel oil* għall-ħtiġiet ta' dak il-bastiment. Wara li użat parti żgħira minn dak iż-żejt, is-soċjetà attriċi saret taf illi kien ta' kwalità hekk ħażina li għamel ħsara ta' mija u erbatax-il elf, mija u tmienja u tletin dollaru amerikan u ħamsin *cent* ($114,138.50) lill-bastiment. Għal din il-ħsara għandha twieġeb is-soċjetà konvenuta talli forniet *fuel oil* ta' kwalità mhix tajba.

Is-soċjetà attriċi, bi protest ġudizzjarju tat-12 ta' Novembru 1995, sejħet lis-soċjetà konvenuta biex tagħmel tajjeb għad-danni, iżda s-soċjetà konvenuta b'kontro-protest uriet illi ma tridx, u s-soċjetà attriċi għalhekk kellha tiftaħ din il-kawża u qiegħda titlob illi l-qorti:

1. tgħid illi l-*fuel oil* ipprovdut mis-soċjetà konvenuta kien ta' kwalità ħażina;

2. tgħid illi s-soċjetà konvenuta għandha twieġeb għad-danni u l-ħsarat li ġarrbet is-soċjetà attriċi;

3. tillikwida d-danni fis-somma ta' mija u erbatax-il elf, mija u tmienja u tletin dollaru amerikan u ħamsin *cent* ($114,138.50); u

4. tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas id-danni hekk likwidati, flimkien ma' l-imgħax legali mit-13 t'Ottubru 1995 u l-ispejjeż, fosthom dawk ta' żewġ protesti ġudizzjarji, wieħed tat-12 ta' Novembru 1995 u l-ieħor tal-20 ta' Marzu 1997.

Is-soċjetà konvenuta ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

1. qabel xejn is-soċjetà attriċi trid tagħmel il-prova li hija sidt il-bastiment *Island Seaway*;

2. is-soċjetà konvenuta ikkonsenjat *fuel oil* ta' kwalità tajba u kif miftiehem, kif jirriżulta minn kampjuni f'idejha u minn *survey* u analiżi tal-kampjuni;

3. is-soċjetà konvenuta ikkonsenjat l-istess prodott lil bastimenti oħra u ma kienx hemm ilmenti;

4. is-soċjetà konvenuta ma ikkawżat ebda danni għax imxiet professjonalment fil-qadi ta' l-inkariku tagħha, u d-danni li qiegħda titlob is-soċjetà attriċi ma jistgħux jingħataw għax huma nefqa għal manutenzjoni normali u/jew konverżjoni ħażina tal-makni tal-bastiment, magħmula mis-sidien ta' qabel; u

5. is-soċjetà konvenuta hija assikurata kontra din it-talba ma' *Lloyds Underwriters*, u għalhekk dawn għandhom jissejħu fil-kawża; is-soċjetà konvenuta irtirat din l-eċċezzjoni waqt is-seduta tat-23 ta' Ġunju 1999[1].

Is-soċjetà konvenuta inqdiet ukoll bil-proċeduri mibdija mis-soċjetà attriċi biex tagħmel rikonvenzjoni. Fissret illi fit-30 t'Awissu 1995, fit-12 ta' Settembru 1995 u fis-26 ta' Settembru 1995 kienet biegħet u ikkonsenjat lis-soċjetà attriċi *fuel oil* u *gas oil*, bil-medjazzjoni ta' *Bunkering*

1 *Fol.* 76.

*Brokers Limited*, bil-preżż ta' kemm jiswew fi flus maltin tlittax-il elf, tmien mija u dsatax-il dollaru amerikan u tmienja u għoxrin *cent* ($13,819.28), jew somma aktar preċiża. Billi għalxejn sejħet lis-soċjetà attriċi, ukoll b'att ġudizzjarju, biex tħallas, is-soċjetà konvenuta qiegħda b'rikonvenzjoni titlob illi l-qorti:

1. tgħid illi s-soċjetà attriċi għandha tagħti lis-soċjetà konvenuta għall-bejgħ u konsenja ta' *fuel oil*;
2. tillikwida d-dejn fis-somma ta' kemm jiswew fi flus maltin tlittax-il elf, tmien mija u dsatax-il dollaru amerikan u tmienja u għoxrin *cent* ($13,819.28), jew somma aktar preċiża; u
3. tikkundanna lis-soċjetà attriċi tħallas is-somma hekk likwidata, flimkien ma' l-imgħax minn dakinhar tal-konsenja sa meta jsir il-ħlas, u l-ispejjeż.

Għall-kontro-talbiet tas-soċjetà konvenuta, is-soċjetà attriċi ressqet l-eċċezzjoni illi dak li qiegħda titlob is-soċjetà konvenuta qatt ma kien kontestat, u ma tħallasx minħabba t-talbiet li s-soċjetà attriċi qiegħda tagħmel f'din il-kawża.

Il-fatti li wasslu għal din il-kawża ġraw hekk:

Is-soċjetà attriċi xtrat il-bastiment *Island Seaway* mingħand sidien fl-Awstralja u, meta l-bastiment wasal Malta, ingħata *fuel oil* illi s-soċjetà attriċi xtrat mingħand is-soċjetà konvenuta. Għalkemm is-soċjetà attriċi tgħid illi l-bastiment għamel il-vjaġġ bejn l-Awstralja u Malta mingħajr problemi, hekk kif beda jaħraq iż-żejt li nxtara mingħand is-soċjetà konvenuta l-makni bdew jeħlulu u kellu jaqleb għal *diesel oil* minflok il-*fuel oil* tas-soċjetà konvenuta.

Ladarba l-problemi bdew hekk kif il-bastiment beda jaħdem fuq il-*fuel oil* tas-soċjetà konvenuta, is-soċjetà attriċi ikkonkludiet illi dak iż-żejt ma kienx tajjeb, u talbet lis-soċjetà konvenuta biex tieħdu lura. Is-soċjetà konvenuta, biex takkomoda lill-attriċi, li kienet tqisha bħala klijent tajjeb, ħadet iż-żejt lura u, wara li ħadet kampjuni, billi dehrilha li ma kellu xejn ħażin, tefgħetu lura fit-tankijiet tagħha.

Is-soċjetà attriċi qabbdet lil min jagħmel xogħol ta' tiswija u tindif fil-makni biex il-bastiment ikun jista' jkompli jbaħħar, u, billi l-partijiet ma qablux dwar jekk kienx tassew iż-żejt tas-soċjetà konvenuta li għamel il-ħsara,

kemm waħda kif ukoll l-oħra qabbdu *surveyor* biex isegwi x-xogħlijiet. Is-*surveyor* imqabbad mis-soċjetà attriċi, l-Inġinier Paul Cardona, kien tal-fehma illi lill-makni tal-bastiment saritilhom ħafna ħsara minħabba fil-kwalità ħażina taż-żejt[2]. Is-*surveyor* imqabbad mis-soċjetà konvenuta, l-Inġinier Daniel Grima, kien tal-fehma illi ma saritx ħsara u illi x-xogħlijiet li saru fuq il-bastiment kienu xogħlijiet ta' manutenzjoni li trid issir perjodikament[3].

Il-partijiet qabbdu wkoll lil min jagħmlilhom analisi fuq kampjuni taż-żejt.

Is-soċjetà attriċi bagħtet kampjun għand il-*Laboratorio Chimico Merceologico Dott. Giorgio Cosulich & C. S.A.S.* fl-Italja, u dan irrapporta illi "*the extremely high content of catalytic fines (Silicon and Aluminium) must have for sure provoked serious damages to the running parts of the Diesel Engine as well as* (*sic*) *the evident instability of the bunker must have caused troubles and damages during the use of the bunker*"[4].

Il-kampjuni li fuqhom saret din l-analisi ma tteħdux fil-preżenza ta' rappreżentanti tas-soċjetà konvenuta, u lanqas l-analisi ma saret quddiemha.

Is-soċjetà konvenuta wkoll bagħtet kampjuni għand *Saybolt Malta Limited* għall-analisi. Dawn il-kampjuni kienu issiġillati u nfetħu l-laboratorju fil-preżenza ta' rappreżentanti taż-żewġ partijiet, li wkoll iffirmaw illi s-siġilli nkisru quddiem-hom[5]. Ir-riżultat ta' din l-analisi kien illi ż-żejt kien ta' kwalità tajba ħlief illi kellu kwantità għolja ta' *sediment*[6].

Ir-riżultat għalkollox inkompatibbli ta' l-analisi magħmula fil-laboratorju taljan meta mqabbla ma' dak ta' l-analisi magħmula minn *Saybolt* juri ċar illi l-kampjuni li fuqhom saret l-analisi ma tteħdux mill-istess konsenja. Ebda wieħed mill-kampjuni ma jagħti garanzija assoluta ta' ġenwinità, iżda, filwaqt illi l-kampjuni tas-soċjetà attriċi ttieħdu u kienu analizzati mingħajr l-intervent tas-soċjetà

---

2 *Foll.* 63 *et seqq.*

3 *Fol.* 131.

4 *Fol.* 85.

5 *Fol.* 124[c].

6 Ara x-xhieda ta' David Andrew Gauci fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2004, *foll.*280 *et seqq.*

konvenuta, dawk tas-soċjetà konvenuta — għalkemm jidher li meta kienu issiġillati ma kien hemm ħadd għas-soċjetà attriċi, għax is-siġilli ma kinux iffirmati mir-rappreżentanti tagħha — infetħu fil-preżenza ta' rappreżentant tas-soċjetà attriċi li iffirma illi "*samples were received in good order and with their seals intact*"[7]. X'aktarx illi r-rappreżentant tas-soċjetà attriċi ma kienx jiffirma li kieku kellu xi dubju dwar l-awtentiċità tal-kampjuni.

Huwa fuq is-soċjetà attriċi l-oneru li tagħmel il-prova illi ż-żejt kien ta' kwalità ħażina, iżda ma jistax jingħad illi din il-prova saret bis-saħħa tar-rapport tal-laboratorju *Cosulich*. Il-metodu kif ittieħdu l-kampjuni u kif saret l-analisi ma jagħti ebda garanzija ta' ġenwinità u l-qorti ma tistax toqgħod fuqu, aktar u aktar meta tqabblu mar-riżultat kontrastanti ta' l-analisi li saret minn *Saybolt* fil-preżenza tar-rappreżentant tas-soċjetà attriċi.

Is-soċjetà attriċi iżda qiegħda tistrieħ ukoll fuq l-argument illi *post hoc ergo propter hoc*: kien minnufih wara li l-bastiment beda jaħraq iż-żejt tas-soċjetà konvenuta li nqalgħu l-problemi; *ergo* il-problemi ħoloqhom iż-żejt tas-soċjetà konvenuta.

Fil-fehma tal-qorti, biex tqis is-saħħa ta' dan l-argument huma relevanti ħafna żewġ fatturi:

1. is-soċjetà attriċi ma ipproduċietx il-*log* tal-bastiment relativ għaż-żmien meta qam dan l-episodju, għalkemm il-*log* intalab mis-*surveyor* tas-soċjetà konvenuta[8].

Id-direttur tas-soċjetà attriċi qal illi l-*log* għal dak iż-żmien partikolari ma nstabx, għalkemm instab dak għaż-żmien ta' qabel u ta' wara. Xehed ukoll illi "kważi konvint"[9] li l-*log* ingħata lis-soċjetà konvenuta. Il-qorti ma hijiex wisq konvinta b'din l-istqarrija. Is-soċjetà attriċi kienet x'aktarx tagħti kopja tal-*log* mhux l-oriġinal, u l-oriġinal kien jibqa' fuq il-bastiment u kien jinstab. Aktar temmen illi, għal xi raġuni jew oħra, il-*log* inżamm mistur.

Dan joħloq suspett fuq kemm tista' toqgħod fuq ix-xhieda tas-soċjetà attriċi, u s-suspett jissaħħaħ meta tqis flimkien

---

7 *Fol.* 124[c].

8 *Fol.* 126[a].

9 Ara x-xhieda ta' Adrian Mifsud fis-seduta tat-28 ta' Frar 2003, *fol.* 252.

l-episodju tal-*log* li ma nstabx u tal-kampjuni mhux ġenwini.
Hemm biss il-kelma tas-soċjetà attriċi li l-problemi bdew biss wara li beda jinħaraq iż-żejt tas-soċjetà konvenuta. Il-qorti ma tħossx li tista' b'serenità toqgħod fuq din ix-xhieda.
2. wara dan l-episodju l-bastiment beda jitħaddem b'żejt ferm aktar raffinat, b'viskożità anqas.
Dan juri illi x'aktarx illi l-problemi nqalgħu mhux għax iż-żejt tas-soċjetà konvenuta ma kienx tajjeb iżda għax is-soċjetà attriċi kienet tħaddem il-bastiment b'żejt li ma kienx jaqbel ma' dak li kienu jeħtieġu l-makni. Fi kliem ieħor, iż-żejt mhux ma kienx tajjeb fih innifsu iżda ma kienx tajjeb għal dawk il-makni.
Rajna illi ż-żejt li s-soċjetà konvenuta ħadet lura minn fuq il-bastiment reġa' tħallat ma' l-i*stock* tagħha u nbigħ lil klijenti oħrajn, u s-soċjetà konvenuta ma kellhiex rapporti ta' problemi oħra b'dak iż-żejt.
Il-qorti għal dawn ir-raġunijiet hija tal-fehma illi lis-soċjetà attriċi ma seħħilhiex illi turi li tassew is-soċjetà konvenuta ikkonsenjat żejt ta' kwalità ħażina. Għalhekk, it-talbiet tas-soċjetà attriċi ma jistgħux jintlaqgħu.
Ngħaddu issa biex inqisu l-kontro-talba.
Rajna mill-eċċezzjoni għall-kontro-talba illi s-soċjetà attriċi ma hijiex qiegħda tiċħad li għandha tagħti daqskemm qiegħda titlob is-soċjetà konvenuta, u ma ħallsitx biss għax stenniet illi dak li għandha tagħti jkun paċjut ma' somma akbar li tiġi likwidata favur tagħha bħala danni. It-talba għal-likwidazzjoni tad-danni, iżda, kif rajna, hija miċħuda, u għalhekk ma saret ebda tpaċija.
Il-kontro-talba għalhekk għandha tintlaqa'.
Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta' din il-kawża billi tiċħad it-talbiet tas-soċjetà attriċi, tilqa' l-kontro-talba tas-soċjetà konvenuta u tikkundanna lis-soċjetà attriċi tħallas lis-soċjetà konvenuta daqskemm jiswew fi flus maltin tlittax-il elf, tmien mija u dsatax-il dollaru amerikan u tmienja u għoxrin *cent* ($13,819.28), flimkien ma' l-imgħax legali minn dakinhar tal-konsenja sa meta jsir il-ħlas.
L-ispejjeż kollha tal-kawża u tar-rikonvenzjoni għandha tħallashom is-soċjetà attriċi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------